# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 229

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Volum 60

14 ta' Lulju 2017


Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2017/C 229/01 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2281 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti li jsaħħnu l-arja, prodotti li jkessħu, ċillers ta' proċessi ta' temperatura għolja u għall-fannijiet konvetturi — *(Il-pubblikazzjoni tat-titli u r-referenzi tal-metodi tranżizzjonali tal-kejl u tal-kalkolu għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2281, u b'mod partikolari l-Annessi III u IV tiegħu)* ([1]) . . . . . 1

2017/C 229/02 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tagħmir tar-radju u tagħmir terminali tat-telekomunikazzjoni u r-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom u d-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE *(Pubblikazzjoni ta' titli u referenzi ta' standards armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni)* ([1]) . . . . . 24


MT

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Komunikazzjoni mill-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2281 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti li jsaħħnu l-arja, prodotti li jkessħu, ċillers ta' proċessi ta' temperatura għolja u għall-fannijiet konvetturi

*(Il-pubblikazzjoni tat-titli u r-referenzi tal-metodi tranżizzjonali tal-kejl u tal-kalkolu* [1] *għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2281, u b'mod partikolari l-Annessi III u IV tiegħu)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 229/01)

1. ***Referenzi***

| Parametru | ESO | Referenza/Titlu | Noti |
|---|---|---|---|
| **Ħiters tal-arja sħuna li jużaw il-fjuwils gassużi** | | | |
| $P_{nom}$, kapaċità nominali tat-tisħin<br>$P_{min}$, kapaċità minima tat-tisħin | CEN | [Ara n-nota] | EN 1020:2009, EN 1319:2009, EN 1196:2011, EN 621:2009 u EN 778:2009 ma jiddeskrivux metodi biex tiġi stabbilita l-produzzjoni tas-sħana. L-effiċjenza hija kkalkulata fuq il-bażi tat-telf tal-gass mit-tromba ta' ċumnija u l-input tas-sħana.<br>Il-produzzjoni ta' sħana $P_{nom}$ tista' tiġi kkalkulata bl-ekwazzjoni $P_{nom} = Q_{nom} * \eta_{th,nom}$, fejn $Q_{nom}$ huwa l-input ta' sħana nominali u $\eta_{th,nom}$ hija l-effiċjenza nominali. $P_{nom}$ għandha tkun ibbażata fuq il-valur kalorifiku gross tal-fjuwil.<br>Bl-istess mod $P_{min}$ tista' tiġi kkalkulata bl-ekwazzjoni $P_{min} = Q_{min} * \eta_{th,min}$ |

[1] L-intenzjoni hi li dawn il-metodi tranżizzjonali finalment jinbidlu bi standard(s) armonizzat(i). Meta disponibbli, ir-referenzi għall-istandards armonizzati għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* b'konformità mal-Artikoli 9 u 10 tad-Direttiva 2009/125/KE.

| Parametru | ESO | Referenza/Titlu | Noti |
|---|---|---|---|
| $\eta_{th,nom}$ effiċjenza utli fil-kapaċità nominali tat-tisħin | | EN1020:2009 – ara l-klawżola 7.4.5<br>EN1319:2009, klawżola 7.4.4<br>EN 1196:2011, klawżola 6.8.2<br>EN621:2009, klawżola 7.4.5<br>EN 778:2009, klawżola 7.4.5 | L-effiċjenza tista' tkun iddeterminata kif deskritt fl-istandards applikabbli, iżda għandha tkun espressa fuq il-bażi tal-valur kalorifiku gross tal-fjuwil |
| $\eta_{th,min}$ effiċjenza utli fit-tagħbija minima | | EN 1020:2009 – ara l-klawżola 7.4.6<br>EN1319:2009, klawżola 7.4.5<br>EN 1196:2011, klawżola 6.8.3<br>EN621:2009, klawżola 7.4.6<br>EN 778:2009, klawżola 7.4.6 | L-effiċjenza tista' tkun iddeterminata kif deskritt fl-istandards applikabbli, iżda għandha tkun espressa fuq il-bażi tal-valur kalorifiku gross tal-fjuwil |
| $AF_{nom}$ fluss tal-arja f'kapaċità nominali ta' tisħin<br>$AF_{min}$ fluss tal-arja f'tagħbija minima | | [Ara n-nota] | Ebda standard ma jiddeskrivi metodi biex tiġi stabbilita r-rata ta' fluss ta' arja sħuna (jew ir-rata ta' twassil ta' sħana). |
| $el_{nom}$ konsum tal-enerġija elettrika f'kapaċità nominali ta' tisħin<br>$el_{min}$ konsum tal-enerġija elettrika f'tagħbija minima | | [Ara n-nota] | Skont l-EN1020:2009 l-input ta' enerġija elettrika għandu jkun espress fuq il-pjastra tad-data (klawżola 8.1.2. k) f'volts, amperes, eċċ. Il-manifattur jista' jikkonverti l-valuri applikabbli għal Watts bl-użu ta' konvenzjonijiet magħrufa.<br>Wieħed għandu joqgħod attent li ma jinkludix il-fann għat-trasport/għad-distribuzzjoni tal-arja sħuna fil-konsum tal-enerġija elettrika. |
| $el_{sb}$ konsum tal-enerġija elettrika fil-modalità Stennija | | IEC 62301:2011-01 | L-IEC 62301:2011 japplika għall-apparat domestiku/il-kwistjonijiet għandhom ikunu diskussi mat-TC's rilevanti |
| $P_{pilot}$ konsum tal-enerġija tal-fjamma pilota permanenti | | [Ara n-nota] | Skont il-klawżola 8.4.2 tal-EN1020:2009 l-istruzzjonijiet tekniċi għall-installazzjoni u għall-aġġustament għandhom jinkludu "tabella teknika (li tinkludi) l-input tas-sħana, il-produzzjoni tas-sħana, il-gradazzjoni ta' kwalunkwe berner tat-tqabbid, (eċċ.), il-volumi ta' twassil tal-arja, eċċ. L-input tas-sħana mill-fjamma pilota permanenti jista' jiġi ddeterminat b'mod simili għal-input tal-enerġija ewlenija. |

| Parametru | ESO | Referenza/Titlu | Noti |
|---|---|---|---|
| Emissjonijiet tal-ossidi tan-nitroġenu ($NO_x$) | CEN | Ir-Rapport CR 1404:1994 tas-CEN) | Il-valuri ta' emissjonijiet tal-$NO_x$ iridu jiġu espressi f'mg/kWh, abbażi tal-valur kalorifiku gross GCV tal-fjuwil. |
| $F_{env}$ telf mill-involkru | CEN | EN 1886:2007 | Klassi ta' iżolament skont ħames klassijiet, indikati bħala T1-T5 |
| Klassifikazzjoni tal-IP (klassifikazzjoni tal-protezzjoni tal-input) | | EN 60529:1991/ AC:2016-12 | |
| **Ħiters tal-arja sħuna li jużaw il-fjuwils likwidi** | | | |
| $P_{nom}$, kapaċità nominali tat-tisħin<br>$P_{min}$, tagħbija minima | CEN | EN 13842:2004 Apparat li jsaħħan l-arja b'konvezzjoni li u li jaħdem biż-żejt – Stazzjonarju u li jista' jinġarr | L-EN 13842:2004 ma jiddeskrivix metodi biex tiġi stabbilita l-produzzjoni tas-sħana.<br>Il-produzzjoni ta' sħana $P_{nom}$ tista' tiġi kkalkulata bl-ekwazzjoni $P_{nom} = QN * \eta_{th,nom}$, fejn QN huwa l-input ta' sħana nominali (klawżola 6.3.2.2) u $\eta_{nom}$ hija l-effiċjenza fil-kapaċità nominali ta' tisħin. $Q_N$ and η għandhom ikunu bbażati fuq il-valur kalorifiku gross tal-fjuwil.<br>Bl-istess mod $P_{min}$ tista' tiġi kkalkulata bl-ekwazzjoni $P_{min} = Q_{min} * \eta_{th,min}$ fejn $Q_{min}$ u $\eta_{th,min}$ huma l-input ta' sħana u l-effiċjenza f'kundizzjonijiet ta' tagħbija minima |
| $\eta_{th,nom}$ effiċjenza utli fil-kapaċità nominali tat-tisħin<br>$\eta_{th,min}$ effiċjenza utli fit-tagħbija minima | | Il-klawżola 6.5.6 tal-EN 13842:2004, applikabbli kemm għat-tagħbija nominali kif ukoll minima | $\eta_{th,nom}$ hija ugwali għal η fil-klawżola 6.5.6 |
| $AF_{nom}$ fluss tal-arja f'kapaċità nominali ta' tisħin<br>$AF_{min}$ fluss tal-arja f'tagħbija minima | | [Ara n-nota] | Ebda standard ma jiddeskrivi metodi biex tiġi stabbilita r-rata ta' fluss ta' arja sħuna (jew ir-rata ta' twassil ta' sħana). |
| $el_{nom}$ konsum tal-enerġija elettrika f'kapaċità nominali ta' tisħin<br>$el_{min}$ konsum tal-enerġija elettrika f'tagħbija minima<br>$el_{sb}$ konsum tal-enerġija elettrika fil-modalità stennija | | [Ara n-nota] | Skont l-EN1020:2009 l-input ta' enerġija elettrika għandu jkun espress fuq il-pjastra tad-data (klawżola 8.1.2. f) f'volts, amperes, eċċ. Il-manifattur jista' jikkonverti l-valuri applikabbli għal Watts bl-użu ta' konvenzjonijiet magħrufa.<br>Wieħed għandu joqgħod attent li ma jinkludix il-fann għat-trasport/għad-distribuzzjoni tal-arja sħuna fil-konsum tal-enerġija elettrika. |

| Parametru | ESO | Referenza/Titlu | Noti |
|---|---|---|---|
| Emissjonijiet tal-ossidi tan-nitroġenu ($NO_x$) | CEN | EN 267:2009+ A1:2011 Berners awtomatiċi b'kurrent sfurzat għall-fjuwils likwidi;<br>§ 4.8.5. Valuri limitu ta' emissjoni għal $NO_x$ u CO;<br>§ 5. Ittestjar. ANNESS B. Kejl u korrezzjonijiet tal-emissjonijiet. | Il-valuri ta' emissjonijiet tal-$NO_x$ huma espressi abbażi tal-valur kalorifiku gross tal-fjuwil. |
| $F_{env}$ telf mill-involkru | CEN | EN 1886:2007 | Klassi ta' iżolament skont ħames klassijiet, indikati bħala T1-T5 |
| Klassifikazzjoni tal-IP (klassifikazzjoni tal-protezzjoni tal-input) | | EN 60529:1991/<br>AC:2016-12 | |
| **Ħiters tal-arja sħuna li jużaw l-effett Joule elettriku** | | | |
| $P_{nom}$, kapaċità nominali ta' tisħin u $P_{min}$, produzzjoni ta' sħana f'tagħbija minima | CEN | IEC/EN 60675 ed 2.1; 1998 § 16 | Ma ġiex identifikat standard għall-kejl attwali tal-produzzjoni ta' sħana tal-ħiters tal-arja sħuna elettriċi.<br>L-input ta' enerġija elettrika f'tagħbija nominali jew minima huwa meqjus rappreżentattiv għall-produzzjoni nominali jew minima ta' sħana.<br>$P_{nom}$ u $P_{min}$ jikkorrispondu għall-enerġija li tista' tintuża fl-IEC 60675 ed. 2.1:1998 f'tagħbija nominali u minima, nieqes ir-rekwiżit ta' enerġija għall-fannijiet li jiddistribwixxu l-arja sħuna u r-rekwiżit tal-enerġija ta' kontrolli elettroniċi fejn rilevanti. |
| $\eta_{th,nom}$ effiċjenza utli fil-kapaċità nominali tat-tisħin<br>$\eta_{th,min}$ effiċjenza utli fit-tagħbija minima | mhux applikabbli<br>mhux applikabbli | [Ara n-nota] | Il-valur huwa prestabbilit 100 %. |
| $AF_{nom}$ fluss tal-arja f'kapaċità nominali ta' tisħin<br>$AF_{min}$ fluss tal-arja f'tagħbija minima | | [Ara n-nota] | Ebda standard ma jiddeskrivi metodi biex tiġi stabbilita r-rata ta' fluss ta' arja sħuna (jew ir-rata ta' twassil ta' sħana). |
| $el_{sb}$ konsum tal-enerġija elettrika fil-modalità stennija | | IEC 62301:2011-01 | |
| $F_{env}$ telf mill-involkru | CEN | EN 1886:2007 | Klassi ta' iżolament skont ħames klassijiet, indikati bħala T1-T5 |

| Parametru | ESO | Referenza/Titlu | Noti |
|---|---|---|---|
| Klassifikazzjoni tal-IP (klassifikazzjoni tal-protezzjoni tal-input) | | EN 60529:1991/ AC:2016-12 | |
| **Ċillers għall-kumdità, kundizzjonaturi tal-arja u pompi tas-sħana li jaħdmu bl-elettriku** | | | |
| SEER | CEN | EN 14825:2016, it-taqsima 6.1 | |
| $Q_C$ | | EN 14825:2016, it-taqsima 6.2 | |
| $Q_{CE}$ | | EN 14825:2016, it-taqsima 6.3 | |
| $SEER_{on,proporzjon\ tat\text{-}tagħbija\ parzjali}$ | | EN 14825:2016, it-taqsima 6.4 | |
| $EER_{bin}(T_j)$, $CR_u$, $C_c$, $C_d$ | | EN 14825:2016, it-taqsima 6.5 | |
| $\eta_{s,\ h}$ | | EN 14825:2016, it-taqsima 7.1 | $\eta_s$ huwa ugwali għal $_{s,\ h}$ |
| SCOP | | EN 14825:2016, it-taqsima 7.2 | |
| $Q_H$ | | EN 14825:2016, it-taqsima 7.3 | |
| $Q_{HE}$ | | EN 14825:2016, it-taqsima 7.4 | |
| $SCOP_{on,proporzjon\ tat\text{-}tagħbija\ parzjali}$ | | EN 14825:2016, it-taqsima 7.5 | |
| $COP_{bin}(T_j)$, $CR_u$, $C_c$, $C_d$ | | EN 14825:2016, it-taqsima 7.6 | |
| $C_c$ u $C_d$ | | EN 14825:2016, it-taqsima 8.4.2 u 8.4.3 | $C_c$ huwa ugwali għal $C_{d,\ c}$ jew $C_{d,\ h}$<br>$C_d$ huwa ugwali għal $C_{d,\ c}$ jew $C_{d,\ h}$ |
| $P_{off}$, $P_{sb}$, $P_{ck}$ & $P_{to}$ | | EN 14825:2016, it-taqsima 9 | |
| **Ċillers għall-kumdità, kundizzjonaturi tal-arja u pompi tas-sħana li jużaw il-kombustjoni interna** | | | |
| $SPER_c$ | CEN | EN 16905-5:2017, it-taqsima 6 | |
| $SGUE_c$ | | EN 16905-5:2017, it-taqsima 6.4 | |
| $SAEF_c$ | | EN 16905-5:2017, it-taqsima 6.5 | |
| $GUE_{c,\ pl}$ | | EN 16905-5:2017, it-taqsima 6.10 | |

| Parametru | ESO | Referenza/Titlu | Noti |
|---|---|---|---|
| $GUE_{d, c}$ | | EN 16905-5:2017, it-taqsima 6.2 | |
| $Q_{Ec}$ u $Q_{Eh}$ | | EN 16905-4:2017, it-taqsima 4.2.1.2 | |
| $Q_{Ehr}$ | | EN 16905-4:2017, it-taqsima 4.2.2.1 | |
| $Q_{gmc}$ u $Q_{gmh}$ | | EN 16905-4:2017, it-taqsima 4.2.5.2 u t-taqsima 4.2.5.1 | |
| $Q_{ref,c}$ u $Q_{ref,h}$ | | EN 16905-5:2017, it-taqsima 6.6 | |
| $SPER_h$ | | EN 16905-5:2017, it-taqsima 7 | |
| $SGUE_h$ | | EN 16905-5:2017, it-taqsima 7.4 | |
| $SAEF_h$ | | EN 16905-5:2017, it-taqsima 7.5 | |
| $SAEF_{h, on}$ | | EN 16905-5:2017, it-taqsima 7.7 | |
| $AEF_{h, pl}$ | | EN 16905-5:2017, it-taqsima 7.10 | |
| $AEF_{d, h}$ | | EN 16905-5:2017, it-taqsima 7.2 | |
| $P_{Ec}$ u $P_{Eh}$ | | EN 16905-4:2017, it-taqsima 4.2.6.2 | |
| **Ċillers għall-kumdità, kundizzjonaturi tal-arja u pompi tas-sħana li jużaw iċ-ċiklu ta' sorbiment** | | | |
| $SGUE_c$ | CEN | EN 12309-6:2014, it-taqsima 4.3 | |
| $SAEF_c$ | | EN 12309-6:2014, it-taqsima 4.4 | |
| $Q_{ref,c}$ | | EN 12309-6:2014, it-taqsima 4.5 | |
| $SAEF_{c, on}$ | | EN 12309-6:2014, it-taqsima 4.6 | |
| $GUE_c$ u $AEF_c$ | | EN 12309-6:2014, it-taqsima 4.7 | |
| $SPER_h$ | | EN 12309-6:2014, it-taqsima 5.3 | |
| $SGUE_h$ | | EN 12309-6:2014, it-taqsima 5.4 | |
| $SAEF_h$ | | EN 12309-6:2014, it-taqsima 5.5 | |

| Parametru | ESO | Referenza/Titlu | Noti |
|---|---|---|---|
| $Q_{ref,h}$ | | EN 12309-6:2014, it-taqsima 5.6 | |
| $SAEF_{h,\ on}$ | | EN 12309-6:2014, it-taqsima 5.7 | |
| $GUE_h$ u $AEF_h$ | | EN 12309-6:2014, it-taqsima 5.8 | |
| **Ċillers ta' proċessi ta' temperatura għolja** | | | |
| tagħbija ta' refriġerazzjoni $P_{designR}$ | | Analogu għall-EN14825:2016 – Taqsima 3.1.44 | |
| proporzjon tat-tagħbija parzjali | | Analogu għall-EN14825:2016 – Taqsima 3.1.56 | |
| kapaċità ddikjarata DC | | Analogu għall-EN14825:2016 – Taqsima 3.1.31 | |
| proporzjon tal-kapaċità $C_R$ | | Analogu għall-EN14825:2016 – Taqsima 3.1.17 | |
| sigħat fl-intervall | | Kif definit fit-Tabella 28 tal-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/2281. | |
| proporzjon ta' effiċjenza tal-enerġija fil-kapaċità ddikjarata $EER_{DC}$ | | EN 14511-1/-2/-3:2013 għad-determinazzjoni tal-valuri EER f'kundizzjonijiet speċifiċi | L-EER jinkludi t-telf ta' degradazzjoni meta l-kapaċità ddikjarata taċ-ċiller tkun ogħla mid-domanda għar-refriġerazzjoni |
| proporzjon ta' effiċjenza tal-enerġija f'kundizzjonijiet ta' tagħbija parzjali jew tagħbija massima $EER_{PL}$ | | | |
| proporzjon tal-prestazzjoni enerġetika staġonali (SEPR) | | Il-punt 5 ta' din il-Komunikazzjoni (il-Kummissjoni Ewropea) | |
| kontroll tal-kapaċità | | Bħal fl-EN14825:2016 – Taqsima 3.1.32 | Ara l-kummenti relatati mal-kontroll tal-kapaċità ta' kundizzjonaturi tal-arja, ċillers u pompi tas-sħana |
| koeffiċjent tad-degradazzjoni $C_C$ | | Bħal fl-EN14825:2016 – Taqsima 8.4.2 | |

| Parametru | ESO | Referenza/Titlu | Noti |
|---|---|---|---|
| **Kundizzjonaturi tal-arja multisplit u pompi tas-sħana multisplit** | | | |
| $EER_{outdoor}$ | CEN | EN 14511-3:2013, Anness I | Klassifikazzjoni ta' unitajiet fuq ġewwa u fuq barra ta' sistema multisplit ta' rkupru ta' sħana multisplit u modulari |
| $COP_{outdoor}$ | CEN | EN 14511-3:2013, Anness I | Klassifikazzjoni ta' unitajiet fuq ġewwa u fuq barra ta' sistema multisplit ta' rkupru ta' sħana multisplit u modulari |

*NOTI:*

— Ma hemm ebda standard Ewropew li jittratta dwar il-pompi tas-sħana li jaħdmu b'magna tal-fjuwil likwidu b'kompressjoni tal-fwar jew gassuż. Gruppi ta' ħidma: CEN/TC 299 – WG3 qed jaħdem fuq standard.

— L-istandards Ewropej EN 12309 Parti 1 u Parti 2, li jittrattaw il-pompi tas-sħana b'sorbiment ta' fjuwil likwidu jew gassuż qegħdin jiġu riveduti fis-CEN/TC299 – WG2, b'mod partikolari biex tiġi kkalkulata l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija staġonali.

2. ***Elementi oħrajn għall-kejl u l-kalkoli relatati mal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post ta' ħiters tal-arja sħuna***

2.1. **Punti ta' ttestjar**

L-effiċjenza utli, il-produzzjoni tas-sħana utli, il-konsum tal-enerġija elettrika u l-fluss tal-arja għandhom jitkejlu fil-produzzjoni tas-sħana nominali u minima.

2.2. **Kalkolu tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post ta' ħiters tal-arja sħuna**

(a) L-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post $\eta_S$ għall-ħiters tal-arja sħuna li jużaw il-fjuwils hija definita bħala:

$$\eta_S = \eta_{S,on} - \sum F(i)$$

(b) L-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post $\eta_S$ għall-ħiters tal-arja sħuna li jużaw l-elettriku hija definita bħala:

$$\eta_S = \left(\frac{1}{CC}\right) \cdot \eta_{S,on} - \sum F(i)$$

fejn:

— $\eta_{S,\ on}$ huwa l-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post fil-modalità attiv, espressa bħala %;

— CC huwa l-koeffiċjent ta' konverżjoni kif definit fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2016/2281;

— F(i) kuma korrezzjonijiet ikkalkolati skont il-punt 2.7 hawn taħt u espressi bħala %.

2.3. **Kalkolu tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post fil-modalità attiv**

L-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post f'modalità attiva $\eta_{S,on}$, hija kkalkolata kif ġej:

$$\eta_{S,on} = \eta_{S,th} \cdot \eta_{S,flow}$$

fejn:

— $\eta_{S,\ th}$ huwa l-effiċjenza fl-enerġija termali staġonali, espressa bħala %;

— $\eta_{S,\ flow}$ huwa l-effiċjenza tal-emissjoni għal fluss tal-arja speċifiku, espressa bħala %.

### 2.4. Il-kalkolu tal-effiċjenza fl-enerġija termali staġonali $\eta_{S,\ th}$

L-effiċjenza fl-enerġija termali staġonali $\eta_{S,\ th}$ hija kkalkolata kif ġej:

$$\eta_{S,th} = \left(0{,}15 \cdot \eta_{th,nom} + 0{,}85 \cdot \eta_{th,min}\right) - F_{env}$$

fejn:

— $\eta_{th,nom}$ huwa l-effiċjenza utli fit-tagħbija nominali (nominali), espressa bħala %;

— $\eta_{th,min}$ huwa l-effiċjenza utli fit-tagħbija minima, espressa bħala % u bbażata fuq il-GCV;

— $F_{env}$ huwa l-fattur tat-telf mill-involkru tal-ġeneratur tas-sħana, espress bħala %;

### 2.5. Il-kalkolu tat-telf mill-involkru

Il-fattur tat-telf mill-involkru $F_{env}$ jiddependi fuq it-tqegħid ippjanat tal-unità u huwa kkalkolat kif ġej:

(a) jekk ikun speċifikat li l-ħiter tal-arja sħuna jrid jiġi installat fil-post imsaħħan:

$$F_{env} = 0$$

(b) jekk il-protezzjoni kontra d-dħul ta' ilma tal-parti tal-prodott li tinkludi l-ġeneratur tas-sħana jkollha klassifikazzjoni IP ta' x4 jew ogħla (klassifikazzjoni IP skont l-IEC 60529 (ed 2.1), klawżola 4.1), il-fattur tat-telf mill-involkru jiddependi fuq it-trażmittanza termali tal-involkru tal-ġeneratur tas-sħana skont it-Tabella 1.

*Tabella 1*

**Il-fattur ta' telf mill-involkru tal-ġeneratur tas-sħana**

| Trażmittanza termali (U) [$W/m^2 \cdot K$] | Fattur $F_{env}$ |
|---|---|
| $U \leq 0{,}5$ | 0,4 % |
| $0{,}5 < U \leq 1{,}0$ | 0,6 % |
| $1{,}0 < U \leq 1{,}4$ | 1,0 % |
| $1{,}4 < U \leq 2{,}0$ | 1,5 % |
| L-ebda rekwiżit | 5,0 % |

### 2.6. Kalkolu tal-effiċjenza tal-emissjoni $\eta_{S,\ flow}$

L-effiċjenza tal-emissjoni $\eta_{S,\ flow}$ hija kkalkulata kif ġej:

$$\eta_{S,flow} = 1 - 9{,}78 \cdot \left(\frac{0{,}15 \cdot P_{nom}}{AF_{nom}} + \frac{0{,}85 \cdot P_{min}}{AF_{min}}\right)$$

fejn:

— $P_{nom}$ hija l-enerġija tal-produzzjoni fit-tagħbija nominali (massima), espressa f'kW;

— $P_{nom}$ hija l-enerġija tal-produzzjoni fit-tagħbija nominali (massima), espressa f'kW;

— $AF_{nom}$ huwa l-fluss tal-arja fit-tagħbija nominali (massima), espress f'$m^3/h$, ikkoreġut għal ekwivalenti ta' 15 °C ($V_{15\,°C}$);

— $AF_{nom}$ huwa l-fluss tal-arja fit-tagħbija minima, espress f'$m^3/h$, ikkoreġut għal ekwivalenti ta' 15 °C.

L-effiċjenza tal-emissjoni tal-fluss tal-arja hija bbażata fuq żieda fit-temperatura ta' 15 °C. F'każ li l-unità hija intenzjonata li tipproduċi żieda differenti fit-temperatura ("t") il-fluss tal-arja reali "V" għandu jiġi kkalkulat mill-ġdid fi fluss tal-arja ekwivalenti "$V_{15\,°C}$" kif ġej:

$$V_{15°C} = V \cdot \frac{288}{273 + t}$$

fejn:

— $V_{15\,°C}$ huwa l-fluss tal-arja ekwivalenti fi 15 °C;

— V huwa l-fluss tal-arja attwali mwassal;

— t hija ż-żieda fit-temperatura attwali mwassla.

2.7. **Il-kalkolu ta' ∑F(i) għall-ħiters tal-arja sħuna**

∑F(i) huwa l-għadd totali ta' diversi fatturi ta' korrezzjoni, kollha espressa f'punti perċentwali.

$$\sum F(i) = F(1) + F(2) + F(3) + F(4)$$

Dawn il-fatturi ta' korrezzjoni huma kif ġej:

(a) Il-fattur ta' korrezzjoni F(1) għall-adattament tal-produzzjoni tas-sħana jqis il-mod kif il-prodott jadatta għal tagħbija ta' sħana (li jista' jkun kemm b'kontroll ta' modulazzjoni fi stadju wieħed, jew f'żewġ stadji) u l-medda tat-tagħbija (1-($P_{min}/P_{nom}$) li l-ħiter tista' taħdem fiha b'rabta mal-medda ta' tagħbija tal-ogħla livell ta' din it-teknoloġija, kif deskritt fit-Tabella 2.

Fil-każ tal-ħiters b'meded ta' tagħbija tal-ogħla livell jew ta' tagħbija ogħla jista' jitqies il-valur sħiħ tal-parametru B, li jwassal għal valur iżgħar għall-fattur ta' korrezzjoni F(1). Fil-każ tal-ħiters b'medda ta' tagħbija iżgħar jista' jitqies valur ta' B aktar baxx mill-massimu.

*Tabella 2*

**Il-kalkolu ta' F(1) skont il-kontroll tal-produzzjoni tas-sħana u l-medda tat-tagħbija**

| Kontroll tal-produzzjoni tas-sħana | Kalkolu ta' F(1) | Fejn B huwa kkalkulat bħala: |
|---|---|---|
| Bi stadju wieħed<br>(ebda medda ta' tagħbija) | $F(1) = 5\% - B$ | B = 0 % |
| B'żewġ stadji<br>(l-ogħla medda ta' tagħbija: 50 %) | | $B = \frac{1 - \left(\frac{P_{min}}{P_{nom}}\right)}{(100\% - 50\%)} \cdot 2,5\%$<br>*with B is maximum 2,5 %* |
| Ta' modulazzjoni<br>(l-ogħla medda ta' tagħbija: 70 %) | | $B = \frac{1 - \left(\frac{P_{min}}{P_{nom}}\right)}{(100\% - 30\%)} \cdot 5\%$<br>*with B is maximum 5 %* |

(b) Il-korrezzjoni F(2) tirrappreżenta l-kontribut negattiv għall-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post permezz tal-konsum tal-elettriku awżiljarju għall-ħiters tal-arja sħuna, espress bħala %, u hija mogħtija kif ġej:

(i) Għall-ħiters tal-arja sħuna li jaħdmu bil-fjuwils:

$$F(2) = 2{,}5 \cdot \frac{0{,}15 \cdot el_{max} + 0{,}85 \cdot el_{min} + 1{,}3 \cdot el_{sb}}{P_{nom}}$$

(ii) Għall-ħiters tal-arja sħuna li jaħdmu bl-elettriku:

$$F(2) = 1{,}3 \cdot \frac{el_{sb}}{P_{nom} * CC}$$

fejn:

— $el_{max}$ huwa l-konsum tal-enerġija elettrika meta l-prodott ikun qed jipprovdi s-sħana nominali, minbarra l-enerġija meħtieġa għall-fann tat-trasport, espressa f'kW;

— $el_{min}$ huwa l-: konsum tal-enerġija elettrika meta l-prodott ikun qed jipprovdi s-sħana minima, minbarra l-enerġija meħtieġa għall-fann tat-trasport, espressa f'kW;

— $el_{sb}$ huwa l-konsum tal-enerġija elettrika meta l-prodott ikun fil-modalità stennija, mogħti f'kW;

JEW jista' jiġi applikat valur prestabbilit kif stipulat fl-EN 15316-1.

(c) Il-korrezzjoni F(3) tirrappreżenta kontribut negattiv għall-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post għal sistemi ta' kombustjoni ventilata bil-gravità (arja ta' kombustjoni trasportata b'żiffa naturali) peress li jrid jitqies telf ta' sħana addizzjonali waqt il-ħin li l-berner ikun mitfi.

(i) Fil-każ ta' ħiters tal-arja sħuna li fihom it-trasport tal-arja ta' kombustjoni iseħħ permezz ta' żiffa naturali:

F(3) = 3 %

(ii) Fil-każ ta' ħiters tal-arja sħuna li fihom it-trasport tal-arja ta' kombustjoni iseħħ permezz ta' żiffa furzata:

F(3) = 0 %

(d) Il-korrezzjoni F(4) tirrappreżenta l-kontribut negattiv għall-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post dovut għall-konsum tal-elettriku mill-berner tat-tqabbid pilota, u hija mogħtija kif ġej:

$$F(4) = 4 \cdot \frac{P_{ign}}{P_{nom}}$$

Fejn il-valur '4' huwa l-proporzjon tal-perjodu ta' tisħin medju (4 000 siegħa fis-sena) mat-tul ta' żmien medju fil-modalità mixgħul (1 000 siegħa fis-sena).

3. ***Elementi oħrajn għall-kalkoli relatati mal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin u ta' tkessiħ tal-post ta' ċillers għall-kumdità, kundizzjonaturi tal-arja u pompi tas-sħana***

3.1. **Kalkolu tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post għall-pompa tas-sħana**

(a) *Għall-pompi tas-sħana li jaħdmu bl-elettriku*

(i) L-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post $\eta_{S,\ h}$ hija definita bħala:

$$\eta_{S,h} = \frac{1}{CC} \cdot SCOP - \sum F(i)$$

fejn:

— SCOP huwa l-koeffiċjenza ta' rendiment staġonali, espress bħala %;

— F(i) kuma l-korrezzjonijiet ikkalkolati skont il-punt 3.3, espressi bħala %.

(ii) Il-kalkolu ta' SCOP tal-pompi tas-sħana li jaħdmu bl-elettriku huwa kif ġej:

$$SCOP = \frac{Q_H}{Q_{HE}}$$

fejn:

$$Q_H = P_{designh} * H_{HE}$$

u,

$$Q_{HE} = \frac{Q_H}{SCOP_{on}} + (H_{TO} * P_{TO}) + (H_{SB} * P_{SB}) + (H_{CK} * P_{CK}) + (H_{OFF} * P_{OFF})$$

meta,

$$SCOP_{on} = \frac{\sum_{j=i}^{n} hj \ * \ P_h(T_j)}{\sum_{j=i}^{n} hj * \left(\frac{P_h(T_j) - elbu(T_j)}{COP_{bin}(T_j)} + elbu(T_j)\right)}$$

(iii) $COP_{bin}(T_j)$ huwa ddeterminat kif ġej:

(1) Għall-unitajiet b'kapaċità fissa:

F'każ li l-inqas kapaċità ta' tisħin iddikjarata taqbeż it-tagħbija parzjali għat-tisħin (jew proporzjon ta' kapaċità $CR_u \leq 1{,}0$):

$$COP_{bin}(T_j) = COP_d * \{1 - C_d * (1 - CR_u)\}$$

fejn:

— $COP_{bin}(T_j)$ = koeffiċjent ta' prestazzjoni speċifikat għall-intervall;

— $COP_{bin}(T_j)$ = koeffiċjent ta' prestazzjoni ddikjarat;

— $C_d$ = 0,25 (valur prestabbilit) jew stabbilit permezz ta' test ċikliku;

u,

$$CR_u = \frac{P_H}{P_d}$$

(2) Għall-unitajiet b'kapaċità introdotta jew varjabbli:

Iddetermina l-kapaċità ta' tisħin iddikjarata u $COP_d(T_j)$ fl-eqreb pass jew żieda tal-kontroll tal-kapaċità tal-unità biex tintlaħaq it-tagħbija ta' tisħin meħtieġa.

Jekk dan il-pass jippermetti li tintlaħaq it-tagħbija ta' tisħin meħtieġa fi ± 10 % (eż. bejn 9,9 kW u 8,1 kW għal tagħbija ta' tisħin meħtieġa ta' 9 kW), allura $COP_{bin}(T_j)$ jitqies li huwa ugwali għal $COP_d(T_j)$.

Jekk dan il-pass ma jippermettix li tintlaħaq it-tagħbija ta' tisħin meħtieġa fi ± 10 % (eż. bejn 9,9 kW u 8,1 kW għal tagħbija ta' tisħin meħtieġa ta' 9 kW), iddetermina l-kapaċità u $COP_{bin}(T_j)$ fit-temperaturi tat-tagħbija parzjali definiti għall-passi fuq kull naħa tat-tagħbija ta' tisħin meħtieġa. Il-kapaċità tat-tagħbija parzjali u s-$COP_{bin}(T_j)$ fit-tagħbija għat-tisħin meħtieġa mbagħad jiġu ddeterminati permezz ta' interpolazzjoni lineari bejn ir-riżultati miksuba minn dawn iż-żewġ passi.

Jekk l-iżgħar pass ta' kontroll tal-unità jippermetti biss kapaċità ta' tisħin iddikjarata ogħla mit-tagħbija ta' tisħin meħtieġa, is-$COP_{bin}(T_j)$ fil-proporzjon tat-tagħbija parzjali meħtieġ hija kkalkulata permezz tal-approċċ stipulat għall-unitajiet b'kapaċità fissa.

(3) Għall-intervalli li jirrappreżentaw kundizzjonijiet operattivi differenti minn dawk deskritti hawn fuq:

Is-$COP_{bin}$ għandha tkun stabbilita b'interpolazzjoni, ħlief għall-kundizzjonijiet ta' tagħbija parzjali ogħla mill-kundizzjoni tat-tagħbija parzjali A, li għalihom għandhom jintużaw l-istess valuri tal-kundizzjoni A u għall-kundizzjonijiet ta' tagħbija parzjali aktar baxxi mill-kundizzjoni tat-tagħbija parzjali D, li għalihom għandhom jintużaw l-istess valuri tal-kundizzjoni D.

(b) *Għall-pompi tas-sħana li jaħdmu bil-fjuwils*

(i) L-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post $\eta_{S,\ heat}$ hija definita bħala:

$$\eta_{S,h} = SPER_h - \sum F(i)$$

fejn:

— $SPER_h$ huwa l-proporzjon ta' enerġija primarja staġonali għat-tisħin, espress bħala %;

— F(i) huma l-korrezzjonijiet ikkalkolati skont il-punt 3.3, espressi bħala %.

(ii) Il-kalkolu ta' $SPER_h$ ta' pompi tas-sħana li jaħdmu bil-kombustjoni interna

$$SPER_h = \frac{1}{\frac{1}{SGUE_h} + \frac{CC}{SAEF_h}}$$

fejn:

$$SGUE_h = \frac{\sum_{j=i}^{n} hj \, * \, P_h(T_j)}{\sum_{j=i}^{n} hj \, * \left(\frac{P_h(T_j)}{GUE_{h,bin}(T_j)}\right)}$$

(iii) $GUE_{h,\ bin}$ u $SAEF_h$ huma ddeterminati kif ġej:

$$GUE_{h,bin} = \frac{Q_{Eh} + Q_{Ehr,c}}{Q_{gmh}}$$

fejn:

— $Q_{Eh}$ = kapaċità ta' tisħin effettiva, f'kW;

— $Q_{Ehr,c}$ = kapaċità ta' rkupru ta' sħana effettiva, f'kW;

— $Q_{gmh}$ = huwa l-input tas-sħana ta' tisħin imkejjel, f'kW;

— $GUE_h$ għandu jqis ukoll l-effetti ta' degradazzjoni minħabba sistema ta' ċikli simili għal dik tal-pompi tas-sħana li jaħdmu bl-elettriku.

u,

$$SAEF_h = \frac{Q_{ref,h}}{\left(\frac{Q_{ref,h}}{SAEF_{h,on}} + (H_{TO} * P_{TO}) + (H_{SB} * P_{SB}) + (H_{CK} * P_{CK}) + (H_{OFF} * P_{OFF})\right)}$$

meta,

$$Q_{ref,h} = P_{design,h} * H_{HE}$$

u,

$$SAEF_{h,on} = \frac{\sum_{j=i}^{n} hj * P_h(T_j)}{\sum_{j=i}^{n} hj * \left(\frac{P_h(T_j)}{AEF_{h,bin}(T_j)}\right)}$$

u,

$$AEF_{h,bin} = \frac{Q_{Eh} + Q_{Ehr,c}}{P_{Eh}}$$

u,

— $Q_{Eh}$ = kapaċità ta' tisħin effettiva, f'kW;

— $Q_{Ehr,c}$ = kapaċità ta' rkupru ta' sħana effettiva, f'kW;

— $P_{Eh}$ = input ta' enerġija elettrika ta' tisħin effettiv, f'kW;

— $AEF_h$ għandu jqis ukoll l-effetti ta' degradazzjoni minħabba sistema ta' ċikli simili għal dik tal-pompi tas-sħana li jaħdmu bl-elettriku.

(1) Għall-unitajiet b'kapaċità fissa:

F'każ li l-inqas kapaċità ta' tisħin iddikjarata taqbeż it-tagħbija parzjali għat-tisħin (jew proporzjon ta' kapaċità $CR_u \leq 1,0$):

$$GUE_{h,bin}(T_j) = GUE_d * \{1 - C_d * (1 - CR_u)\}$$

u,

$$AEF_{h,bin}(T_j) = AEF_d * \{1 - C_d * (1 - CR_u)\}$$

fejn:

— $GUE_d(T_j)$ = l-effiċjenza tal-użu tal-gass iddikjarata fit-temperatura ta' barra $T_j$;

— $AEF_d(T_j)$ = il-fattur ta' enerġija awżiljarja iddikjarat fit-temperatura ta' barra $T_j$;

— $C_d$ = 0,25 (valur prestabbilit) jew stabbilit permezz ta' test ċikliku;

u,

$$CR_u = \frac{P_H}{Q_{Eh} + Q_{Ehr}}$$

(2) Għall-unitajiet b'kapaċità introdotta jew varjabbli:

Iddetermina l-kapaċità ta' tisħin iddikjarata fl-eqreb pass jew żieda tal-kontroll tal-kapaċità tal-unità biex tintlaħaq it-tagħbija ta' tisħin meħtieġa.

Jekk dan il-pass jippermetti lill-kapaċità ta' tisħin tilħaq it-tagħbija ta' tisħin meħtieġa fi ± 10 % (eż. bejn 9,9 kW u 8,1 kW għal tagħbija ta' tisħin meħtieġa ta' 9 kW), allura $GUE_{bin}(T_j)$ jitqies li huwa ugwali għal $GUE_d(T_j)$ u $AEF_{bin}(T_j)$ jitqies li huwa ugwali għal $AEF_d(T_j)$

Jekk dan il-pass ma jippermettix lill-kapaċità ta' tisħin tilħaq it-tagħbija ta' tisħin meħtieġa fi ± 10 % (eż. bejn 9,9 kW u 8,1 kW għal tagħbija ta' tisħin meħtieġa ta' 9 kW), iddetermina l-kapaċità u $GUE_{bin}(T_j)$ u $AEF_{bin}(T_j)$ fit-temperaturi tat-tagħbija parzjali definiti għall-passi fuq kull naħa tat-tagħbija ta' tisħin meħtieġa. Il-kapaċità tat-tagħbija parzjali, il-$GUE_{bin}(T_j)$ u l-$AEF_{bin}(T_j)$fit-tagħbija għat-tisħin meħtieġa mbagħad jiġu ddeterminati permezz ta' interpolazzjoni lineari bejn ir-riżultati miksuba minn dawn iż-żewġ passi.

Jekk l-iżgħar pass ta' kontroll tal-unità jippermetti biss kapaċità ta' tisħin iddikjarata ogħla mit-tagħbija ta' tisħin meħtieġa, il-$GUE_{bin}(T_j)$ u l-$AEF_{bin}(T_j)$ fil-proporzjon tat-tagħbija parzjali meħtieġ huma kkalkulati permezz tal-approċċ stipulat għall-unitajiet b'kapaċità fissa.

Għall-intervalli li jirrappreżentaw kundizzjonijiet operattivi differenti minn dawk deskritti hawn fuq, il-$GUE_{bin}$ u l-$AEF_{bin}$ għandhom ikunu stabbiliti b'interpolazzjoni, ħlief għall-kundizzjonijiet ta' tagħbija parzjali ogħla mill-kundizzjoni tat-tagħbija parzjali A, li għalihom għandhom jintużaw l-istess valuri tal-kundizzjoni A u għall-kundizzjonijiet ta' tagħbija parzjali aktar baxxi mill-kundizzjoni tat-tagħbija parzjali D, li għalihom għandhom jintużaw l-istess valuri tal-kundizzjoni D.

3.2. **Il-kalkolu tal-effiċjenza enerġetika staġonali ta' tkessiħ għaċ-ċillers u l-kundizzjonaturi tal-arja**

(a) *Għaċ-ċillers u l-kundizzjonaturi tal-arja li jaħdmu bl-elettriku*

(i) L-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tkessiħ tal-post $\eta_{S,c}$ hija definita bħala:

$$\eta_{S,c} = \frac{SEER}{CC} - \sum F(i)$$

fejn:

— SEER hija l-effiċjenza enerġetika staġonali ta' tkessiħ tal-post fil-modalità attiva, espressa bħala %;

— F(i) huma l-korrezzjonijiet ikkalkolati skont il-punt 3.3, espressi bħala %.

(ii) Kalkolu tal-SEER:

$$SEER = \frac{Q_C}{Q_{CE}}$$

fejn:

$$Q_C = P_{design,c} * H_{CE}$$

u,

$$Q_{CE} = \frac{Q_C}{SEER_{on}} + (H_{TO} * P_{TO}) + (H_{SB} * P_{SB}) + (H_{CK} * P_{CK}) + (H_{OFF} * P_{OFF})$$

meta,

$$SEER_{on} = \frac{\sum_{j=i}^{n} hj * P_c(T_j)}{\sum_{j=i}^{n} hj * \left(\frac{P_c(T_j)}{EER_{bin}(T_j)}\right)}$$

(iii) $EER_{bin}$ ($T_j$) huwa kkalkolat kif ġej:

(1) Għall-kundizzjonaturi tal-arja elettriċi (imqabbda ma' sistema tat-tkessiħ bl-arja) li l-kontroll tal-kapaċità tagħhom huwa kapaċità fissa:

F'każ li l-inqas kapaċità ta' tkessiħ iddikjarata taqbeż it-tagħbija parzjali għat-tkessiħ (jew proporzjon ta' kapaċità $CR_u \leq 1,0$):

$$EER_{bin}(T_j) = EER_d * \{1 - C_d * (1 - CR_u)\}$$

fejn:

— $EER_d(T_j)$ = koeffiċjent ta' prestazzjoni ddikjarat;

— $C_d$ = 0,25 (valur prestabbilit) jew stabbilit permezz ta' test ċikliku;

— $CR_u = \frac{P_C}{P_d}$.

(2) Għaċ-ċillers għall-kumdità elettriċi u ċillers bi proċess ta' temperatura għolja (imqabbda ma' sistema tat-tkessiħ bl-ilma) li l-kontroll tal-kapaċità tagħhom huwa kapaċità fissa

F'każ li l-inqas kapaċità ta' tkessiħ iddikjarata taqbeż it-tagħbija parzjali għat-tkessiħ (jew proporzjon ta' kapaċità $CR_u \leq 1,0$):

$$EER_{bin}(T_j) = EER_d(T_j) * \left(\frac{CR_u}{C_c * CR_u + (1 - C_c)}\right)$$

fejn:

— $EER_d(T_j)$ = koeffiċjent ta' prestazzjoni ddikjarat;

— $C_c$ = 0,9 (valur prestabbilit) jew stabbilit permezz ta' test ċikliku;

— $CR_u = \frac{P_C}{P_d}$.

(3) Għall-kundizzjonaturi tal-arja u ċ-ċillers għall-kumdità b'kapaċità introdotta jew varjabbli:

Iddetermina l-kapaċità ta' tkessiħ iddikjarata u $EER_d(T_j)$ fl-eqreb pass jew żieda tal-kontroll tal-kapaċità tal-unità biex tintlaħaq it-tagħbija ta' tkessiħ meħtieġa.

Jekk dan il-pass jippermetti li tintlaħaq it-tagħbija ta' tkessiħ meħtieġa fi ± 10 % (eż. bejn 9,9 kW u 8,1 kW għal tagħbija ta' tkessiħ meħtieġa ta' 9 kW), allura $EER_{bin}(T_j)$ jitqies li huwa ugwali għal $EER_d(T_j)$.

Jekk dan il-pass ma jippermettix li tintlaħaq it-tagħbija ta' tkessiħ meħtieġa fi ± 10 % (eż. bejn 9,9 kW u 8,1 kW għal tagħbija ta' tkessiħ meħtieġa ta' 9 kW), iddetermina l-kapaċità u l-$EER_{bin}(T_j)$ fit-temperaturi tat-tagħbija parzjali definiti għall-passi fuq kull naħa tat-tagħbija ta' tkessiħ meħtieġa. Il-kapaċità tat-tagħbija parzjali u l-$EER_{bin}(T_j)$ fit-tagħbija għat-tkessiħ meħtieġa mbagħad jiġu ddeterminati permezz ta' interpolazzjoni lineari bejn ir-riżultati miksuba minn dawn iż-żewġ passi.

Jekk l-iżgħar pass ta' kontroll tal-unità jippermetti biss kapaċità ta' tkessiħ iddikjarata ogħla mit-tagħbija ta' tkessiħ meħtieġa, l-$EER_{bin}(T_j)$ fil-proporzjon tat-tagħbija parzjali meħtieġ hija kkalkulata permezz tal-approċċ stipulat għall-unitajiet b'kapaċità fissa.

(4) Għaċ-ċillers ta' proċessi ta' temperatura għolja:

It-tagħbija ta' tkessiħ meħtieġa għandha tintlaħaq f'marġni ta' ± 3 %.

Għall-intervalli li jirrappreżentaw kundizzjonijiet operattivi differenti minn dawk deskritti hawn fuq, l-$EER_{bin}$ għandu jkun stabbilit b'interpolazzjoni, ħlief għall-kundizzjonijiet ta' tagħbija parzjali ogħla mill-kundizzjoni tat-tagħbija parzjali A, li għalihom għandhom jintużaw l-istess valuri tal-kundizzjoni A u għall-kundizzjonijiet ta' tagħbija parzjali aktar baxxi mill-kundizzjoni tat-tagħbija parzjali D, li għalihom għandhom jintużaw l-istess valuri tal-kundizzjoni D.

(b) *Għaċ-ċillers u l-kundizzjonaturi tal-arja li jaħdmu bil-fjuwils*

(i) L-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tkessiħ tal-post $\eta_{S,\ c}$ hija definita bħala:

$$\eta_{S,c} = SPER_c - \sum F(i)$$

fejn:

— $SPER_c$ huwa l-proporzjon ta' enerġija primarja staġonali għat-tkessiħ, espress bħala %;

— F(i) huma l-korrezzjonijiet ikkalkolati skont il-punt 3.3, espressi bħala %.

(ii) Kalkolu ta' $SPER_c$:

$$SPER_c = \frac{1}{\frac{1}{SGUE_c} + \frac{CC}{SAEF_c}}$$

fejn:

$$SGUE_c = \frac{\sum_{j=i}^{n} hj * P_c(T_j)}{\sum_{j=i}^{n} hj * \left(\frac{P_c(T_j)}{GUE_{c,bin}(T_j)}\right)}$$

u,

$$SAEF_h = \frac{Q_{ref,c}}{\left(\frac{Q_{ref,c}}{SAEF_{c,on}} + (H_{TO} * P_{TO}) + (H_{SB} * P_{SB}) + (H_{CK} * P_{CK}) + (H_{OFF} * P_{OFF})\right)}$$

meta,

$$Q_{ref,c} = P_{design,c} * H_{CE}$$

u,

$$SAEF_{c,on} = \frac{\sum_{j=i}^{n} hj * P_c(T_j)}{\sum_{j=i}^{n} hj * \left(\frac{P_c(T_j)}{AEF_{c,bin}(T_j)}\right)}$$

(iii) Il-$GUE_{c,\ bin}(T_j)$ u l-$AEF_{c,\ bin}(T_j)$ huma kkalkolati kif ġej:

(1) Għall-kundizzjonaturi tal-arja bil-kombustjoni interna (imqabbda ma' sistema tat-tkessiħ bl-arja) li l-kontroll tal-kapaċità tagħhom huwa kapaċità fissa:

F'każ li l-inqas kapaċità ta' tkessiħ iddikjarata taqbeż it-tagħbija parzjali għat-tkessiħ (jew proporzjon ta' kapaċità $CR_u \leq 1{,}0$):

$$GUE_{c,bin}(T_j) = GUE_d * \{1 - C_d * (1 - CR_u)\}$$

u,

$$AEF_{c,bin}(T_j) = AEF_d * \{1 - C_d * (1 - CR_u)\}$$

fejn:

— $GUE_d(T_j)$ = l-effiċjenza tal-użu tal-gass iddikjarata fit-temperatura ta' barra $T_j$;

— $AEF_d(T_j)$ = il-fattur ta' enerġija awżiljarja iddikjarat fit-temperatura ta' barra $T_j$;

— $C_d$ = 0,25 (valur prestabbilit) jew stabbilit permezz ta' test ċikliku;

u,

$$CR_u = \frac{P_H}{Q_{Eh} + Q_{Ehr}}$$

(2) Għaċ-ċillers għall-kumdità bil-kombustjoni interna (imqabbda ma' sistema tat-tkessiħ bl-ilma) li l-kontroll tal-kapaċità tagħhom huwa kapaċità fissa:

F'każ li l-inqas kapaċità ta' tkessiħ iddikjarata taqbeż it-tagħbija parzjali għat-tkessiħ (jew proporzjon ta' kapaċità $CR_u \leq 1{,}0$):

$$EER_{bin}(T_j) = EER_d(T_j) * \left(\frac{CR_u}{C_c * CR_u + (1 - C_c)}\right)$$

fejn:

— $EER_d(T_j)$ = koeffiċjent ta' prestazzjoni ddikjarat

— $C_c$ = 0,9 (valur prestabbilit) jew stabbilit permezz ta' test ċikliku;

u,

$$CR_u = \frac{P_C}{P_d}$$

(3) Għall-unitajiet b'kapaċità introdotta jew varjabbli:

Iddetermina l-kapaċità ta' tkessiħ iddikjarata fl-eqreb pass jew żieda tal-kontroll tal-kapaċità tal-unità biex tintlaħaq it-tagħbija ta' tkessiħ meħtieġa.

Jekk dan il-pass jippermetti lill-kapaċità ta' tkessiħ tilħaq it-tagħbija ta' tkessiħ meħtieġa fi ± 10 % (eż. bejn 9,9 kW u 8,1 kW għal tagħbija ta' tkessiħ meħtieġa ta' 9 kW), allura $GUE_{bin}(T_j)$ jitqies li huwa ugwali għal $GUE_d(T_j)$ u $AEF_{bin}(T_j)$ jitqies li huwa ugwali għal $AEF_d(T_j)$

Jekk dan il-pass ma jippermettix lill-kapaċità ta' tkessiħ tilħaq it-tagħbija ta' tkessiħ meħtieġa fi ± 10 % (eż. bejn 9,9 kW u 8,1 kW għal tagħbija ta' tkessiħ meħtieġa ta' 9 kW), iddetermina l-kapaċità u $GUE_{bin}(T_j)$ u $AEF_{bin}(T_j)$ fit-temperaturi tat-tagħbija parzjali definiti għall-passi fuq kull naħa tat-tagħbija ta' tkessiħ meħtieġa. Il-kapaċità ta' tkessiħ f'tagħbija parzjali, il-$GUE_{bin}(T_j)$ u l-$AEF_{bin}(T_j)$ fit-tagħbija għat-tkessiħ meħtieġa mbagħad jiġu ddeterminati permezz ta' interpolazzjoni lineari bejn ir-riżultati miksuba minn dawn iż-żewġ passi.

Jekk l-iżgħar pass ta' kontroll tal-unità jippermetti biss kapaċità ta' tkessiħ iddikjarata ogħla mit-tagħbija ta' tkessiħ meħtieġa, il-$GUE_{bin}(T_j)$ u l-$AEF_{bin}(T_j)$ fil-proporzjon tat-tagħbija parzjali meħtieġ huma kkalkulati permezz tal-approċċ stipulat għall-unitajiet b'kapaċità fissa.

Għall-intervalli li jirrappreżentaw kundizzjonijiet operattivi differenti minn dawk deskritti hawn fuq, il-$GUE_{bin}$ u l-$AEF_{bin}$ għandhom ikunu stabbiliti b'interpolazzjoni, ħlief għall-kundizzjonijiet ta' tagħbija parzjali ogħla mill-kundizzjoni tat-tagħbija parzjali A, li għalihom għandhom jintużaw l-istess valuri tal-kundizzjoni A u għall-kundizzjonijiet ta' tagħbija parzjali aktar baxxi mill-kundizzjoni tat-tagħbija parzjali D, li għalihom għandhom jintużaw l-istess valuri tal-kundizzjoni D.

u,

$$GUE_d = \frac{Q_{Ec} + Q_{Ehr,c}}{Q_{gmc}}$$

fejn:

— $Q_{Ec}$ = kapaċità ta' tkessiħ effettiva, f'kW;

— $Q_{Ehr,c}$ = kapaċità ta' rkupru ta' sħana effettiva, f'kW;

— $Q_{gm}c$ = huwa l-input tas-sħana ta' tkessiħ imkejjel, f'kW;

u,

$$AEF_d = \frac{Q_{Ec} + Q_{Ehr,c}}{P_{Ec}}$$

fejn:

— $Q_{Ec}$ = kapaċità ta' tkessiħ effettiva, f'kW;

— $Q_{Ehr,c}$ = kapaċità ta' rkupru ta' sħana effettiva, f'kW;

— $P_{Ec}$ = input ta' enerġija elettrika ta' tkessiħ effettiv, f'kW.

3.3. **Il-kalkolu ta' F(i) għaċ-ċillers għall-kumdità, għall-kundizzjonaturi tal-arja u għall-pompi tas-sħana**

(a) Il-korrezzjoni F(1) tirrappreżenta l-kontribut negattiv għall-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin jew tat-tkessiħ tal-post tal-prodotti minħabba kontributi aġġustati tal-kontrolli tat-temperaturi għall-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin jew tat-tkessiħ tal-post, espress bħala %.

$$F(1) = 3\ \%$$

(b) Il-korrezzjoni F(2) tirrappreżenta l-kontribut negattiv għall-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin jew tat-tkessiħ tal-post dovut għall-konsum tal-elettriku minn pompa jew pompi tal-ilma ta' taħt l-art, espress bħala %.

$$F(2) = 5\ \%$$

4. ***Elementi oħrajn għall-kalkoli relatati mal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin u ta' tkessiħ tal-post u l-ittestjar ta' kundizzjonaturi tal-arja multisplit u pompi tas-sħana multisplit.***

L-għażla ta' unità fuq ġewwa għall-kundizzjonaturi tal-arja multisplit u għall-pompi tas-sħana multisplit relatata mal-kapaċità għandha tkun limitata għal:

— L-istess tip ta' unitajiet fuq ġewwa għat-test;

— L-istess daqs tal-unitajiet fuq ġewwa jekk jista' jintlaħaq proporzjon tal-kapaċità tas-sistema ±5 %. Jekk ma jistax jintlaħaq il-proporzjon tal-kapaċità tas-sistema ta' ±5 % bl-istess daqsijiet, daqsijiet simili kemm jista' jkun, bin-numru ta' unitajiet fuq ġewwa kif preskritt hawn taħt biex jintlaħaq il-proporzjon tal-kapaċità tas-sistema ta' ±5 %;

— In-numru ta' unitajiet fuq ġewwa għandu jkun limitat kif ġej:

  — Kapaċità ta' 12 kW jew ogħla u taħt it-30 kW, 4 unitajiet fuq ġewwa;

  — Kapaċità ta' 30 kW jew ogħla u taħt il-50 kW, 6 unitajiet fuq ġewwa;

  — Kapaċità ta' 50 kW jew ogħla, 8 unitajiet fuq ġewwa;

  — Kapaċità ta' 50 kW jew ogħla b'diversi unitajiet fuq barra, it-total tal-unitajiet ta' ġewwa kif definit għal unità waħda fuq barra.

5. ***Elementi oħrajn għall-kalkolu relatati mal-proporzjon tal-prestazzjoni tal-enerġija staġonali ta' ċillers ta' proċess b'temperatura għolja***

5.1. **Il-kalkolu tal-proporzjon tal-prestazzjoni tal-enerġija staġonali (SEPR) ta' ċillers ta' proċess b'temperatura għolja.**

(a) Is-SEPR huwa kkalkolat bħala d-domanda ta' refriġerazzjoni annwali ta' referenza diviża bil-konsum tal-elettriku annwali:

$$\textit{reference SEPR} = \frac{\sum_{j=1}^{n}\left[h_j \cdot P_R(T_j)\right]}{\sum_{j=1}^{n}\left[h_j \cdot \frac{P_R(T_j)}{EER_{PL}(T_j)}\right]}$$

fejn:

— $T_j$ hija t-temperatura fl-intervall;

— j huwa n-numru tal-intervall;

— n huwa l-ammont ta' intervalli;

— $P_R(T_j)$ hija d-domanda ta' refriġerazzjoni tal-applikazzjoni għat-temperatura korrispondenti $T_j$;

— hj huwa n-numru ta' sigħat ta' intervalli li jseħħu fit-temperatura korrispondenti $T_j$;

— $EER_{PL}(T_j)$ huwa l-valur ta' EER tal-unità għat-temperatura korrispondenti $T_j$. Dan jinkludi kundizzjonijiet ta' tagħbija parzjali.

NOTA: Dan il-konsum tal-elettriku annwali jinkludi l-konsum tal-enerġija waqt il-modalità attiv. Modalitajiet oħrajn, bħall-modalità mitfi u l-modalità stennija mhumiex rilevanti għall-applikazzjonijiet tal-proċess peress li l-apparat huwa meqjus li jkun qed jaħdem is-sena kollha.

(b) Id-domanda ta' refriġerazzjoni $P_R(T_j)$ tista' tkun iddeterminata billi wieħed jimmoltiplika l-valur tat-tagħbija sħiħa ($P_{designR}$) bil-proporzjon tat-tagħbija parzjali (%) għal kull intervall korrispondenti. Dawn il-proporzjonijiet tat-tagħbija parzjali jiġu kkalkolati permezz tal-formuli mogħtija fit-Tabelli 22 u 23 fir-Regolament (UE) 2016/2281.

(c) Il-proporzjon ta' effiċjenza tal-enerġija $EER_{PL}(T_j)$ fil-kundizzjonijiet ta' tagħbija parzjali A, B, C, D huwa ddeterminat kif spjegat hawn taħt:

Fil-kundizzjoni ta' tagħbija parzjali A (tagħbija sħiħa), il-kapaċità ddikjarata ta' unità hija meqjusa ugwali għat-tagħbija ta' refriġerazzjoni ($P_{designR}$).

Fil-kundizzjonijiet ta' tagħbija parzjali B, C, D, jista' jkun hemm żewġ possibbiltajiet:

(i) Jekk il-kapaċità ddikjarata (DC) ta' unità taqbel mat-tagħbijiet ta' refriġerazzjoni meħtieġa, għandu jintuża l-valur $EER_{DC}$ korrispondenti tal-unità. Dan jista' jseħħ b'unitajiet b'kapaċità varjabbli.

$$EER_{PL}(T_{B,C\ or\ D}) = EER_{DC}$$

(ii) Jekk il-kapaċità ddikjarata ta' unità hija ogħla mit-tagħbija ta' refriġerazzjoni meħtieġa, l-unità trid tagħmel ċiklu mixgħula/mitfija. Dan jista' jseħħ b'unitajiet b'kapaċità fissa jew varjabbli. F'dawn il-każijiet, irid jintuża koeffiċjent tad-degradazzjoni ($C_c$) sabiex jiġi kkalkolat il-valur $EER_{PL}$ korrispondenti. Dan il-kalkolu huwa spjegat hawn taħt.

(1) Għall-unitajiet b'kapaċità fissa:

Sabiex tinkiseb temperatura mill-iżbokk b'medja skont il-ħin, it-temperaturi tal-bokka u tal-iżbokk għat-test tal-kapaċità għandhom ikunu ddeterminati permezz tal-ekwazzjoni li ġejja:

$$t_{outlet,average} = t_{inlet,capacity\ test} + (t_{outlet,capacity\ test} - t_{inlet,capacity\ test}) * CR$$

fejn:

— $t_{inlet,capacity\ test}$ = it-temperatura tal-bokka tal-ilma tal-evaporatur (għall-kundizzjonijiet B, C jew D kif stipulat fit-Tabelli 22 u 23 tal-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/2281)

— $t_{outlet,capacity\ test}$ = it-temperatura tal-iżbokk tal-ilma tal-evaporatur (għall-kundizzjonijiet B, C jew D kif stipulat fit-Tabelli 22 u 23 tal-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/2281)

— $t_{outlet,average}$ = it-temperatura medja tal-iżbokk tal-ilma tal-evaporatur fuq ċiklu mixgħul/mitfi (pereżempju + 7 °C kif stipulat fit-Tabelli 22 u 23 tal-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/2281)

— CR = il-proporzjon tal-kapaċità, ikkalkolat bħala t-tagħbija ta' refriġerazzjoni (Pd) fl-istess kundizzjoni operattiva, kif ġej:

$$CR = \frac{P_R(T_j)}{P_d(T_j)}$$

Biex tiġi ddeterminata $t_{outlet,average}$ tenħtieġ proċedura iterattiva fil-kundizzjonijiet kollha (B, C, D) meta l-kapaċità ta' refriġerazzjoni taċ-ċiller (il-pass tal-kontroll) ikun ogħla mit-tagħbija ta' refriġerazzjoni meħtieġa.

— It-test f'$t_{outlet}$ mit-Tabella 22 jew 23 tar-Regolament (UE) 2016/2281 bir-rata tal-fluss tal-ilma kif iddeterminata għat-testijiet fil-kundizzjoni "A" għaċ-ċillers b'rata fissa tal-fluss tal-ilma jew b'differenza fissa fit-temperatura għaċ-ċillers b'rata ta' fluss varjabbli;

— Ikkalkula s-CR;

— Applika l-kalkolu għal $T_{outlet_average}$ sabiex tikkalkula $t_{outlet,capacity}$ ikkoreġut, it-test tal-kapaċità li fih it-test għandu jsir sabiex jinkiseb $t_{outlet,average}$, ugwali għat-temperatura tal-iżbokk kif definita fit-Tabelli 22 jew 23 tal-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/2281;

— Erġa' ttestja bit-$t_{outlet}$ ikkoreġut u l-istess rata ta' fluss tal-ilma;

— Erġa' kkalkula is-CR;

— Irrepeti l-passi preċedenti sakemm is-CR u $t_{outlet,capacity\ test}$ ma jibqgħux jinbidlu.

Imbagħad, għall kull kundizzjoni ta' tagħbija parzjali B, C, D l-$EER_{PL}$ huwa kkalkolat kif ġej:

$$EER_{PL(B,C,D)} = EER_{DC(B,C,D)} \cdot \frac{CR_{(B,C,D)}}{C_{c(B,C,D)} \cdot CR_{(B,C,D)} + \left(1 - C_{c(B,C,D)}\right)}$$

fejn:

— L-$EER_{DC}$ huwa l-EER korrispondenti għall-kapaċità ddikjarata (DC) tal-unità fl-istess kundizzjonijiet ta' temperatura bħall-kundizzjonijiet ta' tagħbija parzjali B, C, D;

— $C_c$ huwa l-koeffiċjent ta' degradazzjoni għaċ-ċillers għall-kundizzjonijiet ta' tagħbija parzjali B, C, D;

— CR huwa l-proporzjon tal-kapaċità għall-kundizzjonijiet ta' tagħbija parzjali B, C, D.

Għaċ-ċillers, id-degradazzjoni dovuta għall-effett ta' ugwalizzazzjoni tal-pressjoni meta l-unità terġa' tibda taħdem tista' titqies negliġibbli.

L-uniku effett li jaffettwa lill-EER waqt iċ-ċiklu huwa l-input ta' enerġija li jifdal meta l-kompressur ikun qed mitfi.

L-input ta' enerġija elettrika waqt li l-kompressur ikun mitfi tal-unità jitkejjel meta l-kompressur jintefa għal mill-inqas 10 minuti.

Il-koeffiċjent tad-degradazzjoni $C_c$ huwa ddeterminat għal kull proporzjon tat-tagħbija parzjali kif ġej:

$$C_c = 1 - \frac{\textit{measured power of compressor off state}}{\textit{total power input (full capacity at the part load conditions)}}$$

Jekk $C_c$ ma jkunx iddeterminat b'test allura l-koeffiċjent tad-degradazzjoni prestabbilit $C_c$ huwa 0,9.

(2) Għall-unitajiet b'kapaċità varjabbli:

Iddetermina l-kapaċità ddikjarata u l-$EER_{PL}$ fl-eqreb pass jew żieda tal-kontroll tal-kapaċità tal-unità biex tintlaħaq it-tagħbija ta' refriġerazzjoni meħtieġa. Jekk dan il-pass ma jippermettix li tintlaħaq it-tagħbija ta' refriġerazzjoni meħtieġa fi ± 10 % (eż. bejn 9,9 kW u 8,1 kW għal tagħbija ta' refriġerazzjoni meħtieġa ta' 9 kW), iddetermina l-kapaċità u l-$EER_{PL}$ fit-temperaturi tat-tagħbija parzjali definiti għall-passi fuq kull naħa tat-tagħbija ta' refriġerazzjoni meħtieġa. Il-kapaċità tat-tagħbija parzjali u l-$EER_{PL}$ fit-tagħbija ta' refriġerazzjoni meħtieġa mbagħad jiġu ddeterminati permezz ta' interpolazzjoni lineari bejn ir-riżultati miksuba minn dawn iż-żewġ passi.

Jekk l-iżgħar pass ta' kontroll tal-unità ikun ogħla mit-tagħbija ta' refriġerazzjoni meħtieġa, l-$EER_{PL}$ fil-proporzjon tat-tagħbija parzjali meħtieġ hija kkalkolata permezz tal-ekwazzjoni għall-unitajiet b'kapaċità fissa.

(d) Il-proporzjon ta' effiċjenza tal-enerġija $EER_{PL}(T_j)$ fil-kundizzjonijiet ta' tagħbija parzjali, differenti mill-kundizzjonijiet ta' tagħbija parzjali A, B, C, D huwa ddeterminat kif spjegat hawn taħt:

Il-valuri EER f'kull intervall huma ddeterminati permezz ta' interpolazzjoni tal-valuri EER fil-kundizzjonijiet ta' tagħbija parzjali A, B, C, D kif imsemmi fit-Tabelli 22 u 23 tar-Regolament (UE) 2016/2281.

Għal kundizzjonijiet ta' tagħbija parzjali ogħla mill-kundizzjoni ta' tagħbija parzjali A, jintużaw l-istess valuri EER użati għall-kundizzjoni A.

Għal kundizzjonijiet ta' tagħbija parzjali aktar baxxi mill-kundizzjoni ta' tagħbija parzjali D, jintużaw l-istess valuri EER użati għall-kundizzjoni D.

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tagħmir tar-radju u tagħmir terminali tat-telekomunikazzjoni u r-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom u d-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE**

*(Pubblikazzjoni ta' titli u referenzi ta' standards armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 229/02)

**Id-Direttiva 1999/5/KE**

Skont id-dispożizzjoni tranżitorja tal-Artikolu 48 tad-Direttiva 2014/53/UE ([1]), l-Istati Membri ma għandhomx ifixklu t-tqegħid fis-suq jew it-tħaddim tat-tagħmir tar-radju kopert bid-Direttiva 2014/53/UE, li hu konformi mad-Direttiva 1999/5/KE ([2]) u li tqiegħed fis-suq qabel it-13 ta' Ġunju 2017. Għalhekk l-istandards armonizzati li r-referenzi għalihom ġew ippubblikati skont id-Direttiva 1999/5/KE, kif elenkati l-aħħar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 249 tat-8 ta' Lulju 2016, p. 1,* u kkoreġuti bir-Rettifika ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 342 tas-17 ta' Settembru 2016, p. 15,* u bir-Rettifika ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 403 tal-1 ta' Novembru 2016, p. 26,* ikomplu jagħtu preżunzjoni ta' konformità ma' din id-Direttiva sat-12 ta' Ġunju 2017.

**Id-Direttiva 2014/53/UE**

*(Pubblikazzjoni ta' titli u referenzi ta' standards armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni)*

| ESO ([1]) | Ir-referenza u t-titlu tal-istandard<br>(u d-dokument ta' referenza) | L-ewwel pubblikazzjoni fil-ĠU | Referenza ta' l-istandard li ġie sostitwit | Data tal-waqfa tal-presunzjoni tal-konformità ta' l-istandard li ġie sostitwit Nota 1 | Miri standard biex ikopru Artikolu/i tad-Direttiva 2014/53/UE |
|---|---|---|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
| ETSI | EN 300 065 V2.1.2<br>Tagħmir telegrafiku li jistampa direttament fuq frekwenza dejqa biex jirċievi informazzjoni meterjoloġika konnessa man-navigazzjoni (NAVTEX); Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-artikli 3.2 u 3.3(g) tad-Direttiva 2014/53/UE | 8.7.2016 | | | Artikolu 3(2);Artikolu 3(3)(g) |
| ETSI | EN 300 086 V2.1.2<br>Servizz mobbli fuq l-art; Tagħmir tar-radju b'konnettur RF intern jew estern maħsub primarjament għal diskors analogu; Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2014/53/UE | 9.12.2016 | | | Artikolu 3(2) |

([1]) ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62.
([2]) ĠU L 91, 7.4.1999, p. 10.

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| ETSI | EN 300 113 V2.2.1<br>Servizz mobbli fuq l-art; Tagħmir tar-radju maħsub għat-trażmissjoni ta' dejta (u/jew diskors) bl-użu ta' modulazzjoni misruma kostanti jew mhux kostanti u li għandha konnettu ta' antenna; Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali ta' artiklu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE | 12.4.2017 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 300 219 V2.1.1<br>Servizz mobbli fuq l-art; Sinjali li jiġu trażmessi minn tagħmir tar-radju biex jattiva tweġiba speċifika fir-riċevitur; Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-artiklu 3.2 tad-direttiva 2014/53/UE | 12.4.2017 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 300 220-2 V3.1.1<br>Apparati ta' Faxxa Qasira (SRD li jopera fil-faxxa ta' frekwenzi 25 MHz sa 1 000 MHz; Parti 2: Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-artiklu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE għal tagħmir tar-radju mhux speċifiku | 10.3.2017 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 300 220-3-1 V2.1.1<br>Apparati ta' Faxxa Qasira (SRD) li jopera fil-faxxa ta' frekwenzi 25 MHz sa 1 000 MHz; Parti 3-1: Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-artiklu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE; Tagħmir affidabli ħafna li jopera b'ċiklu baxx, Apparat ta' allarmi personali li joperaw fuq frekwenzi desinjati (869 200 MHz sa 869 250 MHz) | 10.3.2017 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 300 220-3-2 V1.1.1<br>Apparati ta' Faxxa Qasira (SRD) li jopera fil-faxxa ta' frekwenzi 25 MHz sa 1 000 MHz; Parti 3-2: Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-artiklu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE; Allarmi bla fili li joperaw fuq medda ta' frekwenzi desinjati LDC/HR 868,60 MHz sa 868,70 MHz, 869,25 MHz sa 869,40 MHz, 869,65 MHz sa 869,70 MHz | 10.3.2017 | | | Artikolu 3(2) |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| ETSI | EN 300 220-4 V1.1.1<br>Apparati ta' Faxxa Qasira (SRD) li jopera fil-faxxa ta' frekwenzi 25 MHz sa 1 000 MHz; Parti 4: Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-artiklu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE; Apparati ta' kejl li joperaw fil-medda desinjata 169,400 MHz sa 169,475 MHz | 10.3.2017 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 300 224-2 V1.1.1<br>Kompatibilità elettromanjetika u Materji relatati mal-ispettru tar-Radju (ERM); Servizz għal sejħat ta' persuni bir-radju fil-post; Parti 2: EN armonizzat skont l-Artikolu 3.2 tad-Direttiva R&TTE | 8.6.2017 | | | Artikolu 3(2) |

Dan l-istandard armonizzat ma jindirizzax ir-rekwiżiti relatati mal-parametri tal-prestazzjoni tar-riċevitur, u ma jagħtix preżunzjoni ta' konformità fir-rigward ta' dawk il-parametri.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| ETSI | EN 300 296 V2.1.1<br>Servizz mobbli fuq l-art; Tagħmir tar-radju li juża antenni integrati maħsuba primarjament għal diskors analogu; Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenjali tal-artiklu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE | 12.4.2017 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 300 328 V2.1.1<br>Sistemi ta' Trażmissjoni fuq Frekwenzi Wesgħin; Tagħmir għat-trażmissjoni ta' dejta li jopera fuq frekwenza 2,4 GHz ISM bl-użu ta' tekniki ta ' modulazzjoni wesgħin; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-artiklu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE | 13.1.2017 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 300 330 V2.1.1<br>Apparati ta' Faxxa Qasira (SRD); Tagħmir tar-radju fil-faxxa tal-frekwenzi 9 kHz sa 25 MHz u sistemi induttivi ta' kontroll ta' treġġigħ lura fil-faxxa ta' frekwenzi 9 kHz sa 30 kHz; Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-artiklu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE | 10.3.2017 | | | Artikolu 3(2) |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| ETSI | EN 300 341 V2.1.1<br>Servizz mobbli fuq l-art; Tagħmir tar-radju li juża sinjali li jiġu trażmessi minn antenni integrati biex jattiva tweġiba speċifika fir-riċevitur; Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-artiklu 3.2 tad-direttiva 2014/53/UE | 12.4.2017 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 300 390 V2.1.1<br>Servizz mobbli fuq l-art; Tagħmir tar-radju maħsub għat-trażmissjoni ta' dejta (u diskors) u bl-użu ta' antenna integrali; Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-artiklu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE | 12.4.2017 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 300 422-1 V2.1.2<br>Mikrofoni bla fili: Awdjo PMSE sa 3 GHz; Parti 1: Riċevituri Klassi A; Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-artiklu 3.2 tad-Direttiva2014/53/UE | 10.2.2017 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 300 422-2 V2.1.1<br>Mikrofoni bla fili; Awdjo PMSE sa 3 GHz; Parti 2: Riċevituri Klassi B; Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE | 10.3.2017 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 300 422-3 V2.1.1<br>Mikrofoni bla fili; Awdjo PMSE sa 3 GHz; Parti 3: Riċevituri Klassi C; Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE | 10.3.2017 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 300 433 V2.1.1<br>Tagħmir tar-radju ta' Frekwenza taċ-Ċittadin (CB); Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/KE | 12.4.2017 | | | Artikolu 3(2) |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| ETSI | EN 300 440 V2.1.1<br>Apparati ta' Faxxa Qasira (SRD);Tagħmir tar-radju li għandu jintuża fil-medda ta' frekwenzi 1 GHz sa 40 GHz; Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzali tal-artiklu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE | Din hi l-ewwel pubblikazzjoni | | 31.12.2018 | Artikolu 3(2) |

Għall-kategoriji tar-riċevitur nru 2 u 3 kif definit fit-Tabella 5, dan l-istandard armonizzat ma jindirizzax ir-rekwiżiti marbuta mal-parametri tal-prestazzjoni tar-riċevitur u ma jagħtix preżunzjoni ta' konformità fir-rigward ta' dawk il-parametri.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| ETSI | EN 300 440-2 V1.4.1<br>Kompatibilità elettromanjetika u Materji relatati mal-ispettru tar-Radju (ERM); Tagħmir ta' faxxa qasira; Tagħmir tar-radju biex jintuża fil-faxxa ta' frekwenzi 1 GHz sa 40 GHz; Parti 2: EN armonizzat skont l-Artikolu 3.2 tad-Direttiva R&TTE | 8.6.2017 | | | Artikolu 3(2) |

Dan l-istandard armonizzat ma jindirizzax ir-rekwiżiti relatati mal-parametri tal-prestazzjoni tar-riċevitur, u ma jagħtix preżunzjoni ta' konformità fir-rigward ta' dawk il-parametri.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| ETSI | EN 300 454-2 V1.1.1<br>Kompatibilità elettromanjetika u Materji relatati mal-ispettru tar-Radju (ERM); Konnessjonijiet awdjo ta' frekwenza wiesgħa; Parti 2: EN armonizzat skont l-Artikolu 3.2 tad-Direttiva R&TTE | 8.6.2017 | | | Artikolu 3(2) |

Dan l-istandard armonizzat ma jindirizzax ir-rekwiżiti relatati mal-parametri tal-prestazzjoni tar-riċevitur, u ma jagħtix preżunzjoni ta' konformità fir-rigward ta' dawk il-parametri.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| ETSI | EN 300 487 V2.1.2<br>Stazzjonijiet Terrestri tas-Satellita u Sistemi (SES); Standard armonizzat għal Stazzjonijiet Terrestri Mobbli li Jirċievu Biss (ROMES) li joperaw fuq il-medda ta' frekwenza 1,5 GHz; Speċifikazzjonijiet ta' Frekwenzi tar-radju (RF) li jkopru r-rekwiżiti essenzjali ta' artiklu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE | 13.1.2017 | | | Artikolu 3(2) |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| ETSI | EN 300 676-2 V2.1.1<br>Trażmettituri, riċevituri u transriċevituri VHF li jinżammu fl-id, mobbli u fissi bbażati mal-art għas-servizz VHF mobbli aeronawtiku li juża modulazzjoni amplifikata; Parti 2: Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE | 8.7.2016 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 300 698 V2.1.1<br>Trażmettituri u riċevituri tar-radjotelefonija għas-servizz mobbli marittimu li jopera fuq frekwenzi VHF użati f'kanali u xmajjar interni; Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-artikli 3.2 u 3.3(g) tad-Direttiva 2014/53/UE | 13.1.2017 | | | Artikolu 3(2);Artikolu 3(3)(g) |
| ETSI | EN 300 718-2 V1.1.1<br>Kompatibilità elettromanjetika u Materji relatati mal-ispettru tar-Radju (ERM); Stazzjonijiet tar-Radju ghal twissijiet dwar valangi; Sistemi ta' trazmettitur-ricevitur; Parti 2: EN armonizzat li jkopri r-rekwiziti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva R&TTE | 8.6.2017 | | | Artikolu 3(2) |

Dan l-istandard armonizzat ma jindirizzax ir-rekwiżiti relatati mal-parametri tal-prestazzjoni tar-riċevitur, u ma jagħtix preżunzjoni ta' konformità fir-rigward ta' dawk il-parametri.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| ETSI | EN 300 718-3 V1.2.1<br>Kompatibilità elettromanjetika u Materji relatati mal-ispettru tar-Radju (ERM); Stazzjonijiet tar-Radju ghal twissijiet dwar valangi; Sistemi ta' trazmettitur-ricevitur; Parti 3: EN armonizzat li jkopri r-rekwiziti essenzjali tal-Artikolu 3.3e tad-Direttiva R&TTE | 8.6.2017 | | | Artikolu 3(3)(g) |
| ETSI | EN 300 720 V2.1.1<br>Sistemi u tagħmir ta' komunikazzjoni abbord li joperaw fuq Frekwenza Ultra-Gholja (UHF) u tagħmir; Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE | 10.3.2017 | | | Artikolu 3(2) |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| ETSI | EN 301 025 V2.1.1<br>Tagħmir tar-radjotelefonija fuq il-VHF għal komunikazzjonijiet ġenerali u tagħmir assoċjat għal Sejħat Selettivi Diġitali ta' klassi "D" (DSC); Standard armonizzat li jkopri r-Rekwiżiti essenzjali tal-Artikoli 3.2 u 3.3(g) tad-Direttiva 2014/53/UE | 12.8.2016 | | | Artikolu 3(2);Artikolu 3(3)(g) |
| ETSI | EN 301 025 V2.2.1<br>Tagħmir tar-radjotelefonija fuq il-VHF għal komunikazzjonijiet ġenerali u tagħmir assoċjat għal Sejħat Selettivi Diġitali ta' klassi "D" (DSC); Standard armonizzat li jkopri r-Rekwiżiti essenzjali tal-Artikoli 3.2 u 3.3(g) tad-Direttiva 2014/53/UE | 12.4.2017 | EN 301 025 V2.1.1<br>Nota 2.1 | 30.11.2018 | Artikolu 3(2);Artikolu 3(3)(g) |
| ETSI | EN 301 091-2 V1.3.2<br>Kompatibilità elettromanjetika u Materji relatati mal-ispettru tar-Radju (ERM); Taghmir ta' Faxxa Qasira; Telematika tat-Trasport u Traffiku b'Vetturi tat-Toroq (RTTT); Taghmir tar-Radar li jopera fil-faxxa 76 GHz sa 77 GHz; Parti 2: EN armonizzat li jkopri r-rekwiziti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva R&TTE | 8.6.2017 | | | Artikolu 3(2) |

Dan l-istandard armonizzat ma jindirizzax ir-rekwiżiti relatati mal-parametri tal-prestazzjoni tar-riċevitur, u ma jagħtix preżunzjoni ta' konformità fir-rigward ta' dawk il-parametri.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| ETSI | EN 301 166 V2.1.1<br>Servizz mobbli fuq l-art; Tagħmir tar-radju għal komunikazzjoni analogu u/jew diġitali (diskors u/jew dejta) u li jopera fuq frekwenza dejqa u li għandu antenna konnettu; Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-artiklu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE | 10.2.2017 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 301 178 V2.2.2<br>Tagħmir tar-radjotelefonija ta' Frekwenza Għolja Ħafna (VHF) li jista' jinġarr għas-servizz mobbli marittimu li jopera fuq frekwenzi VHF (għal applikazzjonijiet mhux GMDSS biss); Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali ta' artikolu 3.2 ta' Direttiva 2014/53/UE | 12.5.2017 | | | Artikolu 3(2) |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| ETSI | EN 301 357 V2.1.1<br>Apparati awdjo bla fili fil-faxxa 25 MHz sa 2 000 MHz; Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 ta' Direttiva 2014/53/UE | Din hi l-ewwel pubblikazzjoni | EN 301 357-2 V1.4.1<br>Nota 2.1 | 28.2.2019 | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 301 357-2 V1.4.1<br>Kompatibilità elettromanjetika u materji relatati ma' spettru tar-radju (ERM); Apparati awdjo bla fili fil-faxxa 25 MHz sa 2 000 MHz; Parti 2: EN armonizzat li jkopri r-rekwiziti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva R&TTE | 8.6.2017 | | | Artikolu 3(2) |

Dan l-istandard armonizzat ma jindirizzax ir-rekwiżiti relatati mal-parametri tal-prestazzjoni tar-riċevitur, u ma jagħtix preżunzjoni ta' konformità fir-rigward ta' dawk il-parametri.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| ETSI | EN 301 360 V2.1.1<br>Stazzjonijiet Terrestri tas-Satellita u Sistemi (SES); Standard armonizzat għal Terminali Interattivi tas-Satelliti (SIT) u Terminali li jużaw is Satelliti (SUT) li jittrażmettu għal satelliti ġeostazzjonarji fil meded tal-frekwenzi 27,5 GHz sa 29,5 GHz li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-artiklu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE | 11.11.2016 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 301 406 V2.2.2<br>Telekomunikazzjonijiet Diġitali Bla Fili Mtejbin (DECT); Standard armonizzat li jkopri rekwiżiti essenzjali skont l-Artikolu 3.2 tad-Direttiva R&TTE 2014/53/UE | 11.11.2016 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 301 426 V2.1.2<br>Stazzjonijiet Terrestri tas-Satellita u Sistemi (SES); Standard armonizzat għal Stazzjonijiet Terrestri Mobbli tas-satelliti li għandhom rata ta' dejta baxxa fuq l-art (LMES) mhux intizi għal kommunikazzjonijiet ta' periklu u sigurta' li joperaw fil-medda ta' frequenza ta' 1,5 GHz/1,6 GHz u li jkopru r-rekwiżiti essenzjali ta' artiklu 3.2 tad-direttiva 2014/53/UE | 13.1.2017 | | | Artikolu 3(2) |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| ETSI | EN 301 427 V2.1.1<br>Stazzjonijiet Terrestri tas-Satellita u Sistemi (SES); Standard armonizzat għal Stazzjonijiet Terrestri Mobbli tas-satelliti li għandhom rata ta' dejta baxxa fuq l-art (MES) bl-eċċesjoni ta' Stazzjonijiet Terrestri tas-Satellita aeronawtiċi mobbli fuq l-art, li joperaw fil-meded ta' frekwenza 11/12/14 GHz u jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-artiklu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE | 12.4.2017 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 301 428 V2.1.2<br>Stazzjonijiet Terrestri tas-Satellita u Sistemi (SES); Standard armonizzat għal Terminal b'Apertura Żgħira Ħafna (VSAT); Stazzjonijiet Terrestri tas-Satellita li jittrażmettu biss, jittrażmettu/jirċievu jew jirċievu biss li joperaw fil-meded tal-frekwenzi 11/12/14 GHz li jkopru r-rekwiżiti essenzjali ta' artiklu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE | 8.6.2017 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 301 430 V2.1.1<br>Stazzjonijiet Terrestri tas-Satellita u Sistemi (SES); Standard armonizzat għal Stazzjonijiet Terrestri Trasportabbli li Jiġbru l-Aħbarijiet bis-Satellita (SNG TES) li joperaw fil-meded tal-frekwenzi 11 GHz sa 12 GHz/13 GHz sa 14 GHz li jkopri r-rekwiżiti essenzjali skont l-Artiklu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE | 14.10.2016 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 301 441 V2.1.1<br>Stazzjonijiet Terrestri tas-Satellita u Sistemi (SES); Standard armonizzat għal stazzjonijiet terrestri mobbli fuq l-art (MES), inklużi stazzjonijiet terrestri li jinżammu fl-idejn, għal Netwerks ta' Satelliti għal Komunikazzjoni Personali (S-PCN) li joperaw fil-medda ta' frekwenzai 1,6 GHz/2,4 GHz taħt is-servizz ta' satellita mobbli (MSS) li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-artiklu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE | 12.4.2017 | | | Artikolu 3(2) |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| ETSI | EN 301 442 V2.1.1<br>Stazzjonijiet Terrestri u Sistemi tas-Satellita (SES); Standard armonizzat għal NGSO Stazzjonijiet Terrestri Mobbli fuq l-Art (MESs) li jinkludu stazzjonijiet terrestri li jinżammu fl-idejn, għal Netwerks ta' Satelliti għal Komunikazzjoni Personali (S-PCN) li joperaw fil-frekwenzi 1 980 MHz sa 2 010 MHz (art sa l-ajru) u 2 170 MHz sa 2 200 MHz (ajru sa l-art) taħt Stazzjonijiet Terrestri Mobbli (MSS) li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-artiklu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/KE | 12.4.2017 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 301 443 V2.1.1<br>Stazzjonijiet Terrestri tas-Satellita u Sistemi (SES); Standard armonizzat għal Terminal b'Apertura Żgħira Ħafna (VSAT); Stazzjonijiet Terrestri tas-Satellita li jittrażmettu biss, jittrażmettu u jirċievu, jirċievu biss li joperaw fil-meded tal-frekwenzi 4 GHz u 6 GHz li jkopru r-rekwiżiti essenzjali ta' artiklu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE | 12.4.2017 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 301 444 V2.1.2<br>Stazzjonijiet Terrestri tas-Satellita u Sistemi (SES); Standard armonizzat għal Stazzjonijiet Terrestri Mobbli tas-satelliti fuq l-art (LMES) li jipprovdu kommunikazzjonijiet bil-vuċi u/jew dejta li joperaw fil-medda ta' frequenza ta' 1,5 GHz sa 1,6 GHz u li jkopru r-rekwiżiti essenzjali ta' artiklu 3.2 tad-direttiva 2014/53/UE | 13.1.2017 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 301 447 V2.1.1<br>Stazzjonijiet Terrestri u Sistemi Satellitari (SES); Standard Armonizzat għal Stazzjonijiet fuq l-Art għal satelliti abbord Bastimenti (ESVs) li joperaw fuq il-meded ta' frekwenzi 4/6 GHz allokati għas-Servizz ta' Satelliti Fissi (FSS) li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-artiklu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE | 12.4.2017 | | | Artikolu 3(2) |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| ETSI | EN 301 459 V2.1.1<br>Stazzjonijiet Terrestri u Sistemi Satellitari (SES); Standard Armonizzat għal Terminali Interattivi tas-Satelliti (SIT) u Terminali li jużaw is Satelliti (SUT) li jittrażmettu għal satelliti f'orbita ġeostazzjonarji, joperaw fil meded tal-frekwenzi 29,5 GHz sa 30,0 GHz li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-artiklu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE | 14.10.2016 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 301 473 V2.1.2<br>Stazzjonijiet Terrestri u Sistemi Satellitari (SES); Standard armonizzat għal Stazzjonijiet Terrestri għall-Ajruplani (AES) li jipprovdu servizz tas-satellita areonawtiku mobbli (AMSS)/Servizz tas-satellita mobbli (MSS) u/jew is-servizz aereonautiku mobbli fuq servizz ta' rotot (AM(R)S)/Servizz ta satellita mobbli (MSS), li joperaw f'medda ta' frekwenza taħt 3GHz li jkopri r-rekwiżiti essenzjali skont l-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE | 13.1.2017 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 301 502 V12.5.2<br>Sistema Globali għall-komunikazzjonijiet Mobbli (GSM); Tagħmir ta' Stazzjon Bażi (BS); Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali skont l-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/KE | 12.4.2017 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 301 511 V9.0.2<br>Is-Sistema Globali għall-komunikazzjonijiet Mobbli (GSM); EN armonizzat għal stazzjonijiet mobbli fil-frekwenzi GSM 900 u DCS 1800 li jkopri r-rekwiziti essenzjali skont l-Artikolu 3.2 tad-Direttiva R&TTE (1999/5/KE) | 12.4.2017 | | | Artikolu 3(2) |

Avviż: Dan l-istandard armonizzat jipprovdi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2014/53/UE jekk jiġu applikati wkoll il-parametri riċeventi fil-klawżola/i 4.2.20, 4.2.21 u 4.2.26

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| ETSI | EN 301 559 V2.1.1<br>Apparati ta' Medda Qasira (SRD); Impjantazzjonijiet Mediċi Attivi b'Enerġija Baxxa (LP-AMI) u periferali assoċjati (LP-AMI-P) li joperaw fil-faxxa ta' frekwenzi 2 483,5 MHz sa 2 500 MHz; Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-artiklu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE | 13.1.2017 | | | Artikolu 3(2) |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| ETSI | EN 301 598 V1.1.1<br>Apparati bla fili li jistgħu jintużaw bla ħtieġa ta' liċenzja tax-xandir; Sistemi ta' Aċċess bla fili li joperaw fil-medda ta' frekwenzi 470 MHz sa 790 MHz; EN armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-artiklu 3,2 tad-Direttiva R&TTE | 8.6.2017 | | | Artikolu 3(2) |

Dan l-istandard armonizzat ma jindirizzax ir-rekwiżiti relatati mal-parametri tal-prestazzjoni tar-riċevitur, u ma jagħtix preżunzjoni ta' konformità fir-rigward ta' dawk il-parametri.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| ETSI | EN 301 681 V2.1.2<br>Stazzjonijiet Terrestri u Sistemi Satellitari (SES); Standard armonizzat għal Stazzjonijiet Terrestri Mobbli (MESs) ta' sistemi satellitari mobbli Ġeostazzjonarji, inklużi stazzjonijiet terrestri li jinżammu fl-idejn, għal Netwerks ta' Satelliti għal Komunikazzjoni (S-PCN) taħt is-servizz ta' satelllitari mobbli (MSS), li jopera fil-medda ta' frekwenza bejn 1,5 GHz u 1,6 GHz u jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-artiklu 3.2 tad-direttiva 2014/53/KE | 13.1.2017 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 301 721 V2.1.1<br>Stazzjonijiet Terrestri u Sistemi Satellitari (SES); Standard armonizzat għal Stazzjonijiet Terrestri Mobbli (MES) li jipprovdu Komunikazzjonijiet ta' Dejta b'Rata ta' Unità Baxxa (LBRDC) bl-użu ta' satelliti f'Orbita Dinjija Baxxa (LEO) li jjoperaw f'medda ta' frekwenza taħt 1 GHz li jkopru r-rekwiżiti essenzjali tal-artiklu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/KE | 12.4.2017 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 301 783 V2.1.1<br>Tagħmir tar-radju tad-dilettanti aċċessibbli kummerċjalment; Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE | 8.7.2016 | | | Artikolu 3(2) |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|
| ETSI | EN 301 839 V2.1.1<br>Impjantazzjonijiet Mediċi Attivi b'Enerġija Ultra-Baxxa (ULP-AMI) u apparati periferali assoċjati (ULP-AMI-P) li joperaw fil-faxxa ta' frekwenzi ta' 402 MHz sa 405Mhz: Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali ta' artiklu 3.2 tad –Direttiva 2014/53/UE | 8.7.2016 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 301 841-3 V2.1.1<br>Konnessjoni Diġitali bil-VHF bejn l-ajru u l-art (VDL) Modulu 2; Karatteristiċi tekniċi u metodi ta' kejl għal tagħmir ibbażat fl-art; Parti 3: Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2015/53/UE | 13.1.2017 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 301 842-5 V2.1.1<br>Konnessjoni Diġitali bil-VHF bejn l-ajru u l-art (VDL) Modulu 4 Tagħmir tar-radju; Karatteristiċi tekniċi u metodi ta' kejl għal tagħmir ibbażat fl-art.; Parti 5 Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE | 13.1.2017 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 301 893 V1.8.1<br>Netwerks għal Aċċess għal Frekwenza Wiesgħa tar-Radju (BRAN); RLAN ta' 5 GHz b'kapaċità operattiva għolja; EN armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva R&TTE | 8.6.2017 | | | Artikolu 3(2) |

Dan l-istandard armonizzat ma jindirizzax ir-rekwiżiti relatati mal-parametri tal-prestazzjoni tar-riċevitur, u ma jagħtix preżunzjoni ta' konformità fir-rigward ta' dawk il-parametri.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| ETSI | EN 301 893 V2.1.1<br>5 GHz RLAN; Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali ta' artikolu 3.2 ta' Direttiva 2014/53/UE | 8.6.2017 | EN 301 893 V1.8.1<br>Nota 2.1 | 12.6.2018 | Artikolu 3(2) |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |
|---|---|---|---|---|---|

Fir-rigward tal-adattament, sat-12.6.2018, jistgħu jintużaw kemm il-klawżola 4.2.7 ta' dan l-istandard armonizzat, kif ukoll il-klawżola 4.8 tal-istandard armonizzat EN 301 893 v1.8.1. Wara dik id-data, tista' tintuża biss il-klawżola 4.2.7 ta' dan l-istandard armonizzat.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| ETSI | EN 301 908-1 V11.1.1<br>Netwerks ċellulari għal IMT; Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/KE; Parti 1: Introduzzjoni u rekwiżiti komuni | 9.12.2016 | | | Artikolu 3(2) |
| ETSI | EN 301 908-2 V11.1.1<br>Netwerks ċellulari għal IMT; Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva tat-tagħmir tar-radju 2014/53/UE; Parti 2: CDMA Firxa Diretta (UTRA FDD) Tagħmir għall-Utenti (UE) | 12.4.2017 | | | Artikolu 3(2) |
